K. Nru. 407/2023

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Warren Galea)**

**Vs**

**Nika Chkhaidze u Maia Martikovi**

**Illum, 30 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti;**

Rat li Nika Chkhaidze ta' 27 sena, iben Otari u Nana xebba Darchia, imwieled ġewwa l-Ġeorġia nhar l-1 ta' Settembru 1995, residenti ġewwa Saraha, Sunset Court, Triq il-Wied ta' Ruman, Mellieħa u detentur tal-refcom num 36507, u Maia Martikovi ta' 25 sena, bint Emzari u Inga xebba Hintividze, imwielda ġewwa l-Ġeorġia nhar it-22 ta' Mejju 1998, residenti ġewwa Saraha, Sunset Court, Triq il-Wied ta' Ruman, Mellieha u detentriċi ta' passaport Ġeorġian bin-numru 21AA44595, ġew imressqa taħt arrest mil-Pulizija quddiem din il-Qorti bħala Qorti Istruttorja fejn ġew akkużati talli:

> *"... b'diversi atti magħmulin minnhom stess, ukoll jekk fi żmienijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u ċioe' talli nhar it- 28 ta' Mejju 2023 u/ jew fil-ġranet u/jew fil-ġimgħat ta' qabel ġewwa l- WellBee's Supermarket li jinsab fi Triq il-Kbira, Mellieħa:*
>
> *1. Ikkommettew serq, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u liema serq sar għad-dannu ta' WellBee's Supermarket u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 261(c)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta..."*

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-Avukat Ġenerali ta l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja u li waqt is-seduta li saret illum 30 ta' Mejju 2023 l-Qorti Istruttorja fissret lill imputati l-effetti ta' dan il-kunsens, kif ukoll li l-imputati ma kellhomx oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi trattat bi proċedura sommarja, u dan wara li l-Qorti tathom żmien xieraq u l-fakultà li jikkonsultaw mal-avukati tagħhom. B' hekk il-Qorti Istruttorja ai termini tal-Artikolu 370(4) ikkonvertiet ruħha u saret kompetenti li tittratta l-każ tal-imputati u setgħet tagħti s-sentenza minnufih.

Rat li wara li sar l-eżami tal-imputati fl-imsemmija seduta huma ammettew l-akkużi, kif ukoll li wara li l-Qorti spjegat il-portata tal-ammissjoni lill-imputati stess u l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u wara li tagħat żmien lill-imputati biex jerġgħu jikkonsultaw mal-avukat tagħhom u tat ukoll iż-żmien biex jikkunsidraw l-ammissjoni tagħhom mill-ġdid, wara li pposponiet il-kawża, l-imputati kkonfermaw l-ammissjoni tagħhom.

Ikkunsidrat li fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputati ħatja ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom.

Semgħat it-trattazzjoni tal-avukati difensuri dwar il-piena, li in suċċint kienu tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi, għal-diversi raġunijiet, l-imputati ma jingħatawx piena effettiva karċerarja, u l-piena inflitta tkun fil-minimu tagħha.

Din il-Qorti ikkunsidrat dak li jgħid l-artikolu 280(1) tal-Kodiċi Kriminali, tal-Liġijiet ta' Malta, ċioe li meta s-serq ikun ikkwalifikat bil-valur akkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, f' dan il-każ bil-ħin, il-piena stabbilita m'għandiex tingħata fil-minimu tagħha.

Għal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261(ċ) u (f), 267, 270, 279(a), 280(1), 281(a), 533, 18, 20, 28A u 28H tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom, kif minnhom ammessi, u tikkundannhom għal-piena ta' tlettax (13) il-xahar priġunerija kull wieħed/waħda, u wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-imputati jiġu ttrattati permezz ta' sentenza sospiża, b' dan illi s-sentenza inflitta ma għandiex tibda sseħħ ħlief jekk, waqt il-perjodu ta' sentejn li jibda jgħodd mid-data ta' din l-ordni, il-ħatja jikkommettu reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ.

Il-Qorti addizzjonalment tordna li l-ħatja għandhom *in solidum* bejniethom jħallsu s-somma ta' ħames mija ħamsa u disgħin Ewro (€595). Il-ħlas għandu jsir sa mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta' din l-Ordni, bil-fakultà li l-ħatja jħallsu *in*

*solidum* bejniethom s-somma ta' mitt Ewro (€100) fl-aħħar tax-xahar. L-ewwel skadenza titħallas fit-30 ta' Ġunju 2023, u l-aħħar skadenza għandha tkun ta' ħamsa u disgħin Ewro (€95) flok ta' mitt Ewro (€100).

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**

**Maġistrat**

**Josanne Gauci**

**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

----------------------------------TMIEM---------------------------------